MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 1020/2004

**Maltacom plc**

**vs**

**Mary Spiteri**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Mejju 2004 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u disgha u erbghin lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm149.41), liema ammont huwa dovut in-konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21667405 skond kif jirrizulta mid-annessi dokumenti markati Dok A u B. .

Bl-ispejjez u imghaxijiet kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mija u disgha u erbghin liri Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm149.41), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------